# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 3 ta' Ottubru, 2001.**

**Nru: 15**

**Citazzjoni Nru: 1170/01GV**

**Pater Finance Company Limited.**

**-vs-**

**Felix Grech u martu Michelina Grech.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess li l-konvenuti huma debituri tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf u sittin Lira (Lm1,060.00) rapprezentanti import ta' 13 kambjali, 1 ta' Lm4 (bilanc) u l-ohrajn ta' Lm88 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Gunju, 2000 sa Gunju 2001 u mhux imhallsa, hawn annessi u mmarkat bin-numri minn 1 sa 13 konsekuttivament u nklusivament.

Premess li ghalkemm mitluba biex ihallsu diversi drabi, il-konvenuti baqghu inadempjenti.

Premess li l-kreditu tas-socjeta' attrici fis-somma ta' Lm1,060.00 hu cer, likwidu u esigibbli u sa fejn taf is-socjeta' attrici, il-konvenuti m' ghandhomx l' ebda difiza valida opponibbli f' din il-kawza kontra t-talba

taghha ghal hlas ta' dik is-somma kif jidher mill-affidavit ta' Alfred Formosa, ir-rappresentant tas-socjeta' attrici, anness u mmarkat "Dok A".

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. taghti s-sentenza u tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici Pater Finance Co. Ltd bla ma' tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-artikolu 167 – 170 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) u

2. hekk tikkundanna minnufih lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' Lm1,060.00 dovuta.

Bl-imghax legali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala li sat-28 ta' Mejju, 2001 jammontaw ghal Lm41, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' l-eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci.

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici.

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**